MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 459/2005

**Jeffrey u Rosette Borg**

**vs**

**Tarcisio Cremona ghan-nom Tarsons Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta Frar 2005 fejn gie mtilub li l-konvenut nomine jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm568.00) rapprezentanti danni konsistenti fi spejjes inkorsi mill-attur minhabba nuqqas tal-konvenut nomine li jadempixxi mal-obbligu kuntrattwali minnu assunt f'kuntratt tas-17 ta' April 2003.
Bl-ispejjes u bl-imghax.

Ra r-Risposta tal-konvenut nomine fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament jigi eccepit l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal abbazi tal-*privilegium fori* ai termini tal-Artikolu 741(c) u 767 tal-Ligijeit ta' Malta.
2. Illi ppreliminarjament qed tigi eccepita l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal rationae materiaie.
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-quantum tad-danni mitlub huwa esagerat kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet in kwantu jirirgwarda l-ewwel zewg eccezzjonijiet ssollevati mill-konvenut nomine.

Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Mejju 2005 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in kwantu jirrigwarda l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut nomine.

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni il-konvenut nomine qed jeccepixxi l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal abbazi tal-*privilegium fori* u dan peress li l-konvenut nomine jirrisjedi fil-Gzira t'Ghawdex.

Effettivament l-Artikoli 741(c) u 767 tal-Kap. 12 jikkoncedu lill-konvenut li jkun jirrisjedi fil-gizra ta' Ghawdex li jaghzel li jigi mharrek fil-Qiorti t'Gahwdex. L-istess privilegg ovvjament japplika ghal min jirrisjedi fil-gzira ta' Malta. Konvenut Ghawdxi li jigi mharrek fil-Qorti ta' Malta ghahlekk ghandu l-privilegg li jeccepixxi l-inkompetenza abbazi tal-*privilegium fori*. In vista tal-fatt li anki fil-gzira t'Gahwdex hemm Tribunal ghal Talbiet Zghar ad hoc ifisser li konvenut imharrek quddiem dan it-Tribunal izda mhux dak tal-gizra fejn jirrisjedi ghandu d-dritt li jeccepixxi l-inkompetenza abbazi tal-*privilegium fori*.

L-azzjoni odjerna izda tirrigwarda danni naxxenti minn obbligu assunt mill-konvenut nomine permezz ta kuntratt ta bejgh ta' fond f'Hal-Qormi, Malta u precizament il-garaznija minnu moghtija lix-xerrej, u cioe' lill-atturi, li l-

fond mibjugh kien mibni skond il-permessi mehitega mill-awtoritajiet kompetenti u li tali permessi kienu mhallsa. Dan l-oneru certament jikwalifika bhala obligazzjoni li skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fil-Gzira ta' Malta u ghalhekk ai termini tal-artikolu 770 tal-Kap. 12 il-*priviegium fori* ma jibqax japplika.

Ghal din ir-aguni l-ewwel eccezzjoni solelvata mill-konvenut nomine qed tigi michuda.

Permezz tat-tieni eccezzjoni il-konvenut eccepixxa wkoll l-inkompetenza *rationae materiaie* ta' dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi dwar l-azzjoni attrici.

L-Artikolu 3(2) tal-Kap. 380 jistabbilixxi li t-Tribunal hu vestit bil-gurisdizzjoni sabiex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta ammont mhux izjed minn Lm1,500.00. Jipprovdi mbaghad fis-subparagrafu (5) ghal dawk il-kwestjonijiet li jezorbitaw mill-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

L-azzjoni attrici ma tinkwadrax ruhha fil-kwestjonijiet li jezorbitaw mil-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal kif stipulati fis-subparagrafu (5) tal-Artiolu 3 tal-Kap. 380. Kif diga' inghad aktar il-fuq l-azzjoni attrici tirrigwarda danni naxxenti minn inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenut nomine. L-atturi mhux qed jitolbu il-likwidazzjoni tad-danni izda qed jitolbu ammont preciz konsistenti fl-ispejjes minnhom sofferti bhla konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenut nomine. It-Tribunal jidhirlu li din il-kwistjoni tinkwadra ruhha fid-definizzjoni ta' talba ghall-flus moghtija mill-Artikolu 3(2) tal-Kap, 280 u li ghalhekk dan it-Trribunal ghandu gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddetermina din il-kwistjoni. F'dan ir-rigward issir referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) tal-20 ta Jannar 2003 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Publius Micallef vs Sunroute Company Limited</u>** fejn wiehed hemm esposizzjoni dettaljata dwar il-kwisjtoni tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Il-fatt li t-Tribunal ikollu jindaga jekk kienx hemm inadempjenza kuntrattwali qabel ma jkun jista' jikkundanna lill-konvenut ihallas id--danni naxxenti minn tali inadempjenza kuntrattwali ma jifissirx li

l-kwisjtoni ma tibqax *money claim* u ghalhekk li tkun tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u ghalhekk jordna l-prosegwiment tal-kawza ghas-smiegh tal-provi dwar il-mertu.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom ikunu a karigu tal-konvneut nomine.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------